MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 431/2009

**Maltacom p.l.c.**

**Vs.**

**Concetta Maria Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà GO p.l.c. u kkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young, permezz ta' liema wara li ppremettiet li bis-sahha ta' sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Concetta Maria Attard" Avviz Nru. 121/99 deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 1999, l-intimata giet ikkundannata thallas lis-socjetà Maltacom p.l.c., illum maghrufa bl-isem GO p.l.c., is-somma ta' tlett mija u seba' Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm307.22), illum ekwivalenti ghal seba' mija u hmistax-il Euro u tlieta u sittin centezmu (€715.63) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 230501, u li mill-imsemmija somma l-intimata ghadha ma hallset xejn, b'dana li l-ammont komplessiv illum dovut mill-intimata lis-

socjetà rikorrenti jammonta ghal elf hames mija hamsa u hamsin Euro u disa' u disghin centezmu (€1,555.99), konsistenti fis-sorte iktar 'l fuq imsemmija, fis-somma ta' mija tlieta u sittin Euro u hames centezmi (€163.05) rapprezentanti spejjez u drittijiet professjonali skond it-Taxxa annessa mar-Rikors u fis-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€677.31) rapprezentanti imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-29 ta' Dicembru 1997 sas-6 ta' Novembru 2009, salv kull imghax ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament, u peress illi mid-data ta' l-imsemmija sentenza ghaddew iktar minn hames (5) snin u s-socjetà rikorrenti ghad ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut, talbet li tigi awtorizzata tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi is-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Concetta Maria Attard" Avviz Nru. 121/99 ai termini ta' l-Artikolu 258 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet taghha tad-19 ta' Novembru 2009 li bih ordnat illi r-Rikors fl-ismijiet premessi jigi appuntat ghas-smigh ghal nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2009 fid-9:15a.m., u li l-istess Rikors u Digriet jigu notifikati lill-intimata, bi zmien gimgha ghar-risposta.

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-intimata giet notifikata bir-Rikors u Digriet izda naqset milli tirrispondi ghall-istess Rikors entro t-terminu lilha prefiss u naqset milli tidher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Concetta Maria Attard" Avviz Nru. 121/99 deciza fil-15 ta' Novembru 1999 a fol. 3 u 4 tal-process u rat it-Taxxa relattiva ghall-imsemmija sentenza mahruga mir-Registru ta' din il_Qorti a fol. 5 tal-process.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza w ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi s-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Concetta Maria Attard" Avviz Nru. 121/99 setghet tigi esegwita fil-konfront ta' l-intimata.

L-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimata u li dan id-dejn ghadu dovut sa' illum.

Illi l-intimata bin-nuqqas taghha li tirrispondi ghar-Rikors imsemmi entro t-terminu lilha prefiss u li tidher ghas-seduti ffissati ghas-smigh ta' tali Rikors, baqghet kontumaci.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimata, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, is-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Concetta Maria Attard" Avviz Nru. 121/99 deciza fil-15 ta' Novembru 1999; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------